# Lectio Divina
# It-3 Ħadd tal-Għid
# Sena Ċ

## Ġw 21:1-19

**Kuntest:**

L-aħħar kapitlu ta' San Ġwann jagħlaq il-Vanġelu miktub u "jiftaħ" il-ġrajja tal-Vanġelu fil-ħajja ta' dawk li jemmnu. Permezz tad-differenza reċiproka bejn iż-żewġ dixxipli (Pietru u d-dixxiplu l-maħbub), fl-aħħar kapitlu l-evanġelista jagħmlilna fl-istess ħin stqarrija u mistoqsija: fil-persuna tad-dixxiplu l-maħbub, l-evanġelista jistqarr li aħna maħbubin minn Ġesù, b'dik l-imħabba li wasslitu biex jagħti ħajtu għalina; fil-persuna ta' Pietru maħfur, Ġesù jistaqsina jekk u kif se nħobbuh. B'dan il-mod, lilna li nemmnu li l-Mulej sejħilna biex inkunu tiegħu, din il-ġrajja tqanqalna nirriflettu safejn lesti nħobbuh u nħobbu l-merħla tiegħu.

Is-silta ta' dan il-Ħadd hi magħmula minn żewġ partijiet: l-ewwel parti tirrappreżenta l-ewwel ħidma appostolika tad-dixxipli li, magħqudin ma' Ġesù, ikomplu l-ħidma tiegħu fl-istorja: din il-ħidma appostolika u missjunarja ssib il-qofol tagħha fiċ-ċelebrazzjoni tal-ikla Ewkaristika, "għajn u quċċata tal-ħajja tal-Knisja" (SC 10); it-tieni parti tas-silta tiffoka fuq il-persuna ta' Pietru, il-blata, biex issa, maħfur mill-ħtija taċ-ċaħda, ikun jista' "jwettaq lil ħutu" (Lq 22:32) u jieħu ħsieb il-merħla.

Ir-rakkont tas-sajda mirakoluża għandu xebh qawwi ma' Lq 5:1-11: huma t-tnejn "vokazzjonali", imma mqiegħda f'kuntesti differenti: ir-rakkont ta' Luqa fil-bidu tal-ministeru ta' Ġesù; ta' Ġwanni, wara l-Qawmien.

Diversi studjużi jqisu l-kapitlu 20 bħala l-għeluq oriġinali tal-Vanġelu ta' San Ġwann. Il-kapitlu 21, li minnu tagħmel parti s-silta tagħna, titqies bħala żieda, imma mhux żieda bl-addoċċ. Hu bħal epilogu li jikkumplimenta l-Prologu tal-istess Vanġelu. Fil-Prologu, l-evanġelista jippreżenta l-"preistorja" ta' Ġesù, il-Verb divin fi ħdan il-Missier; ir-rakkont tal-Vanġelu jippreżenta "l-istorja" ta' Ġesù li, permezz tal-umanità tiegħu, irrivela l-Missier, u lil dawk li emmnu fih għamilhom ulied il-Missier; fl-epilogu, għandna "l-istorja ta' wara Ġesù", iż-żmien tal-Knisja, jiġifieri żmien id-dixxipli li, permezz tax-xhieda u tas-servizz tal-qadi mogħti lill-merħla, ikomplu jagħmlu preżenti lil Ġesù fiż-żmien permezz

tas-"sinjali" li jwettqu f'ismu (ix-xandir tal-Kelma u l-ikla ewkaristika). Il-kapitlu 21 jista' jitqies għall-Vanġelu ta' Ġwanni dak li l-Atti tal-Appostli hu għall-Vanġelu ta' Luqa.

**[1]Ġesù raġa' deher lid-dixxipli ħdejn il-baħar ta' Tiberija. Dehrilhom hekk: [2]Xmun Pietru, Tumas, li jgħidulu t-Tewmi, Natanjel minn Kana tal-Galilija, ulied Żebedew u tnejn oħra mid-dixxipli tiegħu kienu flimkien.**

Ir-rakkont iqegħedna mill-ġdid biswit il-baħar ta' Tiberija, fejn kien seħħ is-sinjal tal-ħobż (Ġw 6). Hu wkoll il-post tas-sejħa tal-ewwel dixxipli (Mt 4:18-22). Tiberija tinsab fil-Galilija, "art il-ġnus", imsejħa għall-imperatur pagan Tiberju. Issa ma jinsabux aktar imbeżżgħa u bil-bibien magħluqa fiċ-Ċenaklu (Ġw 20:19), iżda mibgħuta "fid-dinja", fost il-ġnus, kif kien mibgħut l-Iben mill-Missier (Is 49:6; Atti 13:47).

Minflok it-Tnax (simbolu ta' Iżrael l-antik), l-Evanġelista jsemmi seba' dixxipli, li jirrappreżentaw il-Knisja mxerrda fost il-ġnus, kif jirraffiguraw ukoll is-sebgħa knejjes tal-Asja (Apok 2-3). Tnejn mid-dixxipli jibqgħu anonimi, bla isem, bħalma nsibu fil-bidu tal-istess Vanġelu (Ġw 1:35ss) – fejn wieħed minnhom jingħad li kien Indrì, ħu Xmun Pietru). Id-dixxiplu l-ieħor seta' kien "id-dixxiplu l-maħbub". Fl-istess waqt, permezz tal-anonimità ta' dawn id-dixxipli, kull dixxiplu fl-istorja jista' jħossu parti attiva mill-ġrajja tas-salvazzjoni.

**[3]Xmun Pietru qalilhom: "Sejjer nistad". Qalulu: "Ħa niġu miegħek aħna wkoll". Marru, rikbu d-dgħajsa, u dak il-lejl ma qabdu xejn.**

Il-figura ta' Pietru tispikka f'dan il-kapitlu: hu li jiddeċiedi li jmur jistad; li jaqbeż il-baħar; li jiġbed ix-xibka bil-ħut; lilu jingħata l-mandat li jirgħa l-merħla. Id-dixxipli l-oħra huma f'għaqda ma' Pietru u jistadu flimkien miegħu. Jekk l-għaqda ma' Kristu hi fundamentali biex isir il-frott (Ġw 15:5), hekk ukoll l-għaqda bejniethom u ma' Pietru hi neċessarja biex il-ħidma tad-dixxipli tirnexxi.

Kif Ġesù kien sejħilhom ħdejn il-"baħar" biex jagħmilhom "sajjieda tal-bnedmin" (Mt 4:19), hekk issa, wara l-għoti tal-Ispirtu s-Santu, id-dixxipli jinsabu fl-istess post biex ikomplu "jistadu" billi jsejħu oħrajn ħalli jagħmluhom dixxipli tas-Saltna (Mt 28:19) u jaqilgħuhom mill-baħar biex jgħadduhom mill-mewt għall-ħajja (Ġw 5:24; Rum 6:13; 1 Ġw 3:14).

Din l-ewwel esperjenza tal-ħidma tad-dixxipli hi kkaratterizzata mid-dalma tal-lejl. Id-dixxipli huma "mingħajr il-Mulej", maqtugħin minnu, u għalhekk il-ħidma tagħhom hi

bażwija u ma tagħtix frott. Mingħajr il-Mulej, kull ħidma tad-dixxipli, anke jekk effiċjenti għall-aħħar, tibqa' ineffikaċi, sterili, bla frott, "għax mingħajri ma tistgħu tagħmlu xejn" (Ġw 15:15; Salm 127:1). Biex jagħmlu frott tajjeb (Ġw 15:16), id-dixxipli huma msejħa biex kontinwament jerġgħu lura għand il-Mulej, li sejħilhom u bagħathom (Lq 9:10).

**4Filgħodu mas-sebħ, Ġesù kien qiegħed ix-xatt, imma d-dixxipli ma kinux jafu li kien Ġesù.**

Fejn hemm Kristu jidħol id-dawl ta' jum ġdid, li jwarrab id-dlam tal-lejl. Kristu hu l-ewwel jum tal-ġimgħa, il-jum il-ġdid li rebaħ id-dlamijiet, inawgurat bil-qawmien mill-mewt (Ġw 20:1). Hu Kristu li jdawwal il-qalb u l-ħidma tad-dixxipli. Ikun fid-dawl min iħobb (1 Ġw 2:9), u min iħobb jagħmel il-kelma tiegħu (Ġw 14:5; 15:7). Bil-maqlub, min ma ma jħobbx jibqa' "fid-dlam", bħal Ġuda (1 Ġw 2:11; Ġw 13:30).

**5Ġesù qalilhom: "Għandkom x'tieklu, ħbieb?". "Le", weġbuh. 6Qalilhom: "Waddbu x-xibka n-naħa tal-lemin tad-dgħajsa u ssibu". Dawn waddbu x-xibka, u mbagħad ma felħux jiġbduha daqs kemm qabdu ħut!**

Ġesù jibqa' preżenti fil-ħidma tal-Knisja u juri lilu nnifsu lid-dixxipli tiegħu. Isejħilhom "ħbieb", bħalma kien wiegħed fid-diskors tat-tluq: "Sejjaħtilkom ħbieb, għax kull ma smajt mingħand Missieri jiena għarrafthulkom" (Ġw 15:15). (Testi oħra jittraduċi "uliedi" minflok "ħbieb", terminu aktar intimu u familjari.) Id-dixxipli jonqoshom l-ikel (Mk 8:14ss) għax jonqoshom lil dak li hu "il-ħobż tal-ħajja" (Ġw 6:35), u għax il-ħidma tagħhom hi mibnija fuq il-ħila unika tagħhom u mhux fuq il-Mulej (Mt 7:24-27). Bil-maqlub, meta qagħdu għall-kelma tal-Mulej (Lq 5:5), il-qabda tal-ħut kienet abbundanti, kif kien wiegħed Ġesù lil dawk li jibgħu magħqudin miegħu (Ġw 15:5).

**7Id-dixxiplu li kien iħobb Ġesù qal lil Pietru: "Il-Mulej dan!"**

Min iħobb "jagħraf lil Alla" (1 Ġw 4:7). Dak li għaraf il-Mulej kien id-dixxiplu l-maħbub, li rasu kienet tmiss ma' sider Kristu fl-ikla tal-aħħar (Ġw 13:25).

Min kien id-dixxiplu l-maħbub? Hu preżenti f'mumenti importanti fir-rakkont tal-Vanġelu ta' San Ġwann, u fl-aħħar jidentifika lilu nnifsu bħala l-awtur tal-istess Vanġelu. Għad li bosta fl-istorja assoċjawh mal-Appostlu San Ġwann, id-dibattitu dwar l-identità tad-dixxiplu l-maħbub għadu miftuħ.

**Għalhekk Xmun Pietru, kif sama' li kien il-Mulej, xeħet fuqu l-libsa ta' fuq, għax kien għoddu għeri, u ntafa' l-baħar. [8]Id-dixxipli l-oħra, billi ma kinux imbiegħda wisq mill-art, imma xi mitejn driegħ biss, resqu bid-dgħajsa jkaxkru warajhom ix-xibka bil-ħut.**

Il-lingwaġġ u l-ġesti ta' Pietru, li jorbtu mal-versi 18-19 aktar 'il quddiem, għandhom rabta mal-magħmudija. Pietru jogħdos fl-ilma biex imut u jitwieled bniedem ġdid fil-laqgħa tiegħu mal-Mulej. Issa l-libsa ta' Pietru mhix aktar biex tgħatti l-mistħija tal-ħtija u d-dnub (Ġen 3:7), imma sinjal tal-bniedem il-ġdid "maħluq skont Alla" (Kol 3:10; Ef 4:22-24) u liebes lil Kristu (Gal 3:27).

Simbolikament, l-art mhux imbiegħda mid-dgħajsa hi l-art imwiegħda, lejn fejn il-komunità tad-dixxipli qed taqdef biex tiltaqa' mal-Mulej. Bil-ħidma tagħha, il-Knisja "tkaxkar" l-umanita lejn il-Mulej irxuxtat u ħaj, li qed jistenna fuq xatt il-baħar. Il-"mitejn driegħ" jalludu għall-"mitejn dinar" meħtieġa biex il-komunità tkun mitmugħa u tixba' bl-ikel mħejji mill-Mulej (Ġw 6:7).

**[9]Kif niżlu l-art, raw li kien hemm xi faħam jaqbad, bil-ħut fuqu, u xi ftit ħobż. [10]Qalilhom Ġesù: "Newlu 'l hawn xi ħutiet minn dawk li għadkom kemm qbadtu".**

L-ewwel ħaġa li jilmħu d-dixxipli hu l-ikel fuq in-nar. Hi l-ikla ewkaristika mħabbra fi Ġw 6. L-ikla hi sagrament ta' Ġesù rxuxtat, li fl-Ewkaristija mill-ġdid isir ħobż biex id-dixxipli jieħdu saħħithom huma u jaqsmu l-baħar fuq id-dgħajsa u, waqt li jxandru l-Vanġelu fost il-ġnus (Atti 27:33ss), jaslu fil-port mixtieq (Salm 107:30). Anke l-ħut mixwi, kif jafferma Santu Wistin, jirrappreżenta lil Kristu fil-passjoni tiegħu: "Piscis assus, Christus est passus." Imma jekk Kristu ġie "maqbud" biex jingħata l-mewt mill-ħżiena, il-ħidma tal-Knisja biex "taqbad" in-nies hi kollha frott l-imħabba (Hos 11:14; Għan 1:2). Il-biża' jġib il-mewt; l-imħabba tagħti l-ħajja (Apok 3:20).

**[11]Xmun Pietru tala' fid-dgħajsa u ġibed l-art ix-xibka mimlija b'mija u tlieta u ħamsin ħuta kbira; u minkejja daqshekk ħut, ix-xibka ma nqasmitx. [12]Qalilhom Ġesù: "Ejjew, kulu". Imma ħadd mid-dixxipli ma ssogra jistaqsih: "Int min int?", għax kienu jafu li kien il-Mulej. [13]Ġesù resaq, qabad il-ħobż u newwilhulhom; u hekk ukoll għamel bil-ħut.**

Jekk darba Pietru ġibed lil Kristu lejh u "beda jlumu" biex ma jħallihx ibati għas-salvazzjoni tal-bnedmin (Mt 16:22), did-darba Pietru jiġbed ix-xibka tal-ħut biex lill-

bnedmin iwaħħadhom mal-imħabba ta' Kristu billi jitfgħu ħarsithom fuq Kristu msallab u jinġibdu lejh (Ġw 12:32).

Hemm diversi interpretazzjonijiet tan-numru 153. Ftit jew wisq, it-tifsiriet kollha jindikaw kwantità kbira, abbundanza ta' frott, it-totalità tal-bnedmin, u l-effikaċja tal-ħidma tas-salvazzjoni mwettqa mill-Knisja matul iż-żmien. Bħat-tunika ta' Ġesù li ma ġietx mċċarrta (Ġw 19:24), hekk ix-xibka bil-ħut. Minkejja d-diversità u l-kwantità, dawk fix-xibka flimkien jiffurmaw ġemgħa waħda, kif talab Ġesù għad-dixxipli tiegħu (Ġw 17:11.21-22).

Bħal fl-ewwel missjoni tagħhom, li tintemm bil-qsim tal-ħobż u l-ħut (Mk 5), issa wkoll il-ħidma tad-dixxipli ssib il-qofol tagħha f'ikla, sinjal tal-ikla ewkaristika, fejn id-dixxipli jinġabru madwar Ġesù u jgħaqqdu l-ħidma appostolika tagħhom mal-ikel li l-Mulej stess iħejji għalihom. L-ikla ewkaristika hi komunjoni mal-Mulej. Kif "għarfuh fil-qsim tal-ħobż" id-dixxipli ta' Għemmaws (Lq 24:35), hekk ukoll issa, bħad-dixxiplu l-maħbub, id-dixxipli l-oħra jagħrfu l-Mulej propju meta joqogħdu madwaru u jieklu miegħu.

L-Ewkaristija hi ċelebrazzjoni tal-imħabba ta' Kristu fuq is-salib. Hi ċelebrazzjoni li timbotta l-Knisja biex tħobb lill-bnedmin. Kif għamel fl-Aħħar Ikla, hu Ġesù li jservi l-ikel, u jkompli jistieden lid-dixxipli tiegħu biex jagħmlu bħalu (Ġw 13:14-17), billi jaqdu l-ministeru tagħhom bl-imħabba, biex iservu l-merħla u mhux jaħkmu fuqha bil-qawwa (1 Piet 5:2-3).

**14Din kienet ġa t-tielet darba li Ġesù deher lid-dixxipli wara l-qawmien tiegħu mill-imwiet.**

Id-dehriet fi Ġwanni jilħqu hawn il-qofol tagħhom. Issa Kristu jibqa' jagħmel lilu nnifsu preżenti kull darba li l-komunità, li temmen mingħajr ma tara, tisma' leħen il-maħbub (Għan 2:8) u tinġabar flimkien f'isem Kristu biex taqsam il-ħobż ewkaristiku.

**15Wara li kielu xi ħaġa, Ġesù qal lil Xmun Pietru: "Xmun bin Ġwanni, tħobbni int aktar minn dawn?" Wieġbu: "Iva, Mulej, int taf li nħobbok". Qallu: "Irgħa l-ħrief tiegħi". 16Staqsieh għat-tieni darba: "Xmun bin Ġwanni, tħobbni int?". Wieġbu: "Iva, Mulej, int taf li nħobbok". Qallu: "Irgħa n-nagħaġ tiegħi". 17Għat-tielet darba staqsieh: "Xmun bin Ġwanni, tħobbni?" Pietru ħass għafsa ta' qalb għax staqsieh għat-tielet darba: "Tħobbni?", u qallu: "Mulej, int taf kollox, inti taf li nħobbok". Qallu Ġesù: "Irgħa n-nagħaġ tiegħi.**

Din is-silta tiffoka fuq il-persuna u l-ministeru ta' Pietru fi ħdan il-komunità ta' dawk li jemmnu. Hi mibnija fuq djalogu li jagħfas fuq Pietru u kważi jaqtagħlu nifsu. Fl-isfond tad-djalogu hemm il-ġerħa taċ-ċaħdiet ta' Pietru. Imma d-dnub ta' Pietru jġib fuqu mill-ġdid il-ħarsa ta' Ġesù li tfejqu (Lq 22:61), u tikkonfermah fis-sejħa li kien għamillu l-Mulej fil-bidu tal-ministeru tiegħu, meta hemm ukoll kien sejjaħlu bl-isem propju tiegħu (Ġw 1:42).

Il-mistoqsija li tħasseb lil Pietru – u li għandha tħasseb u tqanqal lilna wkoll – hi dwar l-imħabba: "Tħobbni int?". Pietru, żgur minnu nnifsu, kien afferma kemm-il darba li hu kien kapaċi jħobb aktar mill-oħrajn: li ma kienx se jitħawwad quddiem it-tbatija u l-mewt tas-salib (Mk 14:29s); li hu kien saħansitra lest jagħti ħajtu għal Kristu (Ġw 13:37). Imma l-fatti wrew xorta oħra! ... Għax l-imħabba tiegħu kienet għadha ma saritx tixbah lil dik ta' Kristu fuq is-salib.

Quddiem ix-xena tal-mara midinba tibki f'riġlejh, Ġesù kien staqsa lil Xmun il-Fariżew l-istess mistoqsija: "Min se jħobb l-iżjed?" (Lq 7:42). Iħobb l-iżjed min jagħmel l-esperjenza tal-maħfra, ta' dik l-imħabba gratwita li kapaċi tħobb anke lil min ċaħdu tliet darbiet.

Il-mistoqsijiet ta' Ġesù jlaqqgħu lil Pietru mal-verità dwaru nnifsu ta' bniedem dgħajjef u midneb (Lq 5:8), bniedem li għadu ma jafx iħobb. Imma huma mistoqsijiet li jfejqu lil Pietru. Pietru jagħraf li hu mhux kapaċi jħobb bl-istess imħabba ta' Ġesù (*philéo* vs *agapáo*). Gradwalment, it-tweġibiet ta' Pietru juru li hu mmatura u m'għadux jafda fuq il-ħila tiegħu imma fuq l-għarfien li hu maħbub u maħfur minn Kristu, li bil-ġrieħi tiegħu ġie mfejjaq (1 Piet 2:24). Anke Pietru jasal biex jagħraf li l-grazzja ta' Kristu fih ma sfatx fix-xejn (1 Kor 15:8ss). Propju għax hu maħbub, maħfur u magħmul bniedem ġdid, Pietru jista' jissieħeb ma' Kristu biex jirgħa l-merħla, li tibqa' il-merħla "ta' Kristu" u mhux ta' Pietru (Atti 20:28).

**18Tassew tassew ngħidlek, meta kont żagħżugħ, kont titħażżem waħdek u tmur fejn trid; imma meta tixjieħ, int tiftaħ idejk u ħaddieħor iħażżmek u jieħdok fejn ma tkunx trid!". 19Dan qalu biex ifisser b'liema mewta kien sejjer jagħti glorja lil Alla. Imbagħad Ġesù ssokta jgħidlu: "Ejja warajja".**

Biex ikun jista' jirgħa l-merħla bħar-Ragħaj it-Tajjeb, Pietru issa jrid ikun lest iħobb bl-istess imħabba ta' Kristu, li ta ħajtu għall-merħla (Ġw 10:15). Anke hu, bħal Kristu fuq is-salib, irid jiftaħ idejh u jħalli lil min isallbu. Fl-għarfien ta' din l-imħabba oblattiva, Ġesù

jistieden mill-ġdid lil Pietru biex jiġi warajh, maħfur u mġedded, u jistiednu jitgħallem iħobb bħalma ħabb l-Imgħallem tiegħu.

Il-ministeru tagħna jdur kollu fuq l-imħabba. Ħajjitna kollha ngħadduha nxandru l-imħabba ta' Alla li dehret fi Kristu, u nistiednu lill-bnedmin biex jilqgħu l-imħabba ta' Kristu u jħobbu lill-bnedmin. Iżda dan ma jfissirx li aħna bilfors nafu nħobbu! U anqas jeskludi li, bħal Pietru, aħna ma niċħdux ukoll lil Ġesù jew lill-aħwa. Għalhekk irridu min jisfidana propju fuq l-imħabba, bħalma Kristu għamel ma' Pietru. Mistoqsija waħda mhix biżżejjed biex tqajjimna. Irridu min jistaqsina kontinwament "Tħobbni int aktar minn dawn?", biex ma nieħdux *for granted* li aħna nafu nħobbu u li m'għandniex bżonn min jgħallimna kif inħobbu tassew.